**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 1630/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mario Attard**

Illum 24 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Mario Attard**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 170759(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-3 ta' Diċembru 2022 bejn il-ħinijiet ta' 01:30hrs u s-02:00hrs ġewwa Ħaż-Żebbuġ:

1. ħebb sabiex inġurja, dejjaq jew għamel ħsara lil Josephine Attard jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;

2. għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Josephine Attard jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuna ta' Josephine Attard jew sabiex tinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Mario Attard billi tapplika Artikoli 382A *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijijet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lil Mario Attard b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika Artikoli 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Mejju 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati u kkundannatu ammenda komplessiva ta' ħamsin Euro (€50) filwaqt illi pprovdiet għas-sigurta' tal-*parte civile* Josephine Attard billi ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin *ai termini* ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ordni jagħmel parti integrali mis-sentenza. L-Ewwel Qorti ċċarat illi mill-Ordni ta' Trażżin ġew kkanċellati l-kliem fejn jiġi projbit jew ristrett l-aċċess tal-imputat mir-residenza tal-*parte civile* in vista li meta ngħatat is-sentenza appellata, l-imputat ma kellux residenza alternattiva.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġoba tilqa' dan l-appell billi: 1.* ***TANNULLA*** *s-sentenza appellata, jew fin-nuqqas 2.* **TILLIBERA** *lill-appellant minn kull ħtija u piena, jew 3. F'kull każ u sussidjarjament,* ***TIRRIFORMA*** *dik il-parti tas-sentenza konċernanti l-piena nflitta inkluż l-ħruġ tal-ordni ta' trażżin fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliġġi piena aktar idonea skont iċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-23 ta' Awwissu 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-28 ta' Mejju 2024.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fit-3 ta' Diċembru 2022 il-Pulizija rċeviet rapport mingħand il-*parte civile* Josephine Attard kontra l-appellant fejn spjegat li waqt li kienet rieqda, imsakkra fil-kamra tagħha, matul il-lejl, l-appellant li jiġi r-raġel tagħha, ħabbtilha l-bieb fejn talabha mħadda li huwa juża meta jorqod minħabba kundizzjoni medika li jbati biha. Jidher li fi kliem il-*parte civile*, l-appellant waqt dan l-inċident lissen il-kliem *"imbilli ssakkar il-bieb, li għandi nagħmel mhux xorta ser nagħmlu."*

Illi minn naħa tiegħu, l-appellant Mario Attard jikkonferma li ħabbat għal imħadda iżda jgħid li l-*parte civile* offendietu u huwa offendiha lura iżda jiċħad li lissen xi minaċċa. L-appellant isemmi wkoll numru ta' ċirkostanzi fejn il-*parte civile* għamlet l-almu tagħha sabiex tipprovokah bħal meta fi kliemu rmiet dak li kien hemm fil-friġġ ħalli huwa ma jsibx x'jiekol. Isemmi li l-*parte civile* għandha sieħeb ieħor u għalhekk qed tipprovokah u tipprova tkeċċih mid-dar.

Illi l-*parte civile* ngħatat post alternattiv fejn tmur minħabba li allegatament l-appellant seta' kien perikoluż wara li sar ir-*Risk Assessment* iżda l-*parte civile* rrifjutat din l-offerta. Jidher li t-tnejn għadhom sad-data ta' din is-sentenza joqgħodu taħt l-istess saqaf.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq tliet aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom separatament. Qabel tipproċedi ulterjorment, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brandon Said** (Numru 17/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jitlob in-nullita' tas-sentenza appellata. L-appellant jargumenta li s-sentenza appellata hija nulla u bla effett minħabba s-segwenti:

- Jisħaq li minn kopja tal-proċess li ngħata ma jidhirx li s-sentenza in kwistjoni hija ffirmata kemm mill-Maġistrat kif ukoll mid-Deputat Reġistratur iżda jgħid li hija ffirmata mill-Maġistrat biss. Huwa jagħmel riferenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta.

- Jilmenta dwar ir-rapport redatt minn Pauline Baldacchino u Redent Farrugia li huwa bil-lingwa Ingliża waqt li l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti saru bil-lingwa Maltija.

Illi rigward l-ewwel punt imsemmi fl-aggravju in eżami, din il-Qorti tinnota li s-sentenza li hemm fl-atti proċesswali (*a fol.* 49 *et seq.*) hija ffirmata kemm mill-Maġistrat kif ukoll mid-Deputat Reġistratur tagħha. Kif jgħid l-Avukat Ġenerali fir-Risposta tiegħu (*a fol.* 67 *et seq.*), Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsemmix dan l-element bħala ċirkostanza li twassal għan-nullita' tas-sentenza.

Illi rigward it-tieni punt imsemmi fl-ewwel aggravju, din il-Qorti tinnota li l-appellant qatt ma lmenta quddiem l-Ewwel Qorti dwar il-fatt li r-rapport in kwistjoni huwa redatt bil-lingwa Ingliża. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Degiorgio et** (Numru 7/2019) u tagħmel tagħha dak li qalet il-Qorti Kriminali fiha meta saħqet is-segwenti:

> "Illi fil-fatt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 189 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Proċeduri Ġudizzjarji) huma konsoni ma' din id-dispożizzjoni tal-liġi meta hemm ipprovdut b'liema lingwa għandhom isiru l-proċeduri meta l-persuna akkużata ma tkunx tifhem bil-lingwa Maltija biex b'hekk il-proċeduri għandhom isiru bil-lingwa Ingliża b'dan illi anke r-Reġistratur għandu jieħu ħsieb jara li l-atti jiġu nnotifikati lil dik il-persuna li ma tkunx tifhem bil-lingwa Maltija bil-lingwa Ingliża, u jekk dan ma jsirx il-persuna akkużata għandha l-jedd titlob hi stess li ssir tali traduzzjoni. Illi huwa fir-rigward tad-depożizzjoni tax-xhieda biss li l-Artikolu 3(e) tal-Kapitolu 189 tal-Liġijiet ta' Malta jimponi obbligu fuq ir-Reġistratur tal-Qorti li mill-iktar fis jara li titqiegħed fl-inkartament it-traduzzjoni ta' dik id-depożizzjoni fl-ilsien li bih jkunu qed isiru l-proċeduri, b'dan

madanakollu li l-liġi ma tirraviża ebda nullita' fin-nuqqas li jsir dan.

Issa minn eżami tal-atti kumpilatorji ma jidhirx illi l-akkużati f'xi żmien talbu quddiem il-Qorti Istruttorja li ssir traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti. L-akkużati kienu tul il-proċeduri abbilment assistiti mid-difensuri tagħhom sabiex b'hekk lanqas ma jista' jingħad illi d-dritt tagħhom għal smiegħ xieraq ġie b'xi mod leż minħabba f'dan in-nuqqas. Fl-ebda ħin ma lmentaw illi huma ma kenux qegħdin jifhmu l-kontenut ta' dawn id-dokumenti jew ukoll li ma setgħux iħejju d-difiża tagħhom. Mhux biss iżda, saħansitra wara n-notifika lilu magħmula ta' l-Att ta'l-Akkuża, l-akkużat stess Alfred Degiorgio fil-Lista tad-Dokumenti minnu ppreżentata, jippreżenta traduzzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet ta' xhieda mil-lingwa Maltija għal dik Ingliża, sabiex b'hekk il-Qorti tista' tasal biex tifhem illi l-akkużati aħwa Degiorgio jifhmu bil-lingwa Ingliża.

Illi dan magħdud, madanakollu, ma hemm xejn fil-liġi li tirrendi tali rapporti u dokumenti inammissibbli stante illi l-akkużati kellhom kull opportunita' li jitolbu li ssir it-traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti, ħaġa li naqsu milli jagħmlu u kwindi ma jistgħux jippretendu li issa fi stadju inoltrat ta' dawn il-proċeduri l-Qorti tordna l-isfilz ta' l-istess minħabba nuqqas minn naħa tagħhom. Fuq kollox, jerġa' jiġi ribadit illi l-akkużati dejjem kienu abbilment assistiti mid-difensur tagħhom u fuq kollox ix-xhieda li ppreżentaw dawn ir-rapporti u d-dokumenti spjegaw il-kontenut ta' l-istess fil-kors tad-depożizzjoni tagħhom quddiem il-Qorti Istruttorja."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ewwel aggravju jsegwi li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illli fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Huwa jaqsam dan l-aggravju fi tnejn: l-ewwel parti hija dwar l-ewwel (1) imputazzjoni u t-tieni parti hija dwar it-tieni (2) imputazzjoni.

Illi dwar l-<u>ewwel (1) imputazzjoni</u>, l-appellant jisħaq li minn mkien mill-provi ma jirriżulta li huwa ħebb jew ipprova jħebb għall-*parte civile*. Jispjega li darba li l-imputazzjoni hija speċifika għal dak li seħħ fit-3 ta' Diċembru 2022, kwalunkwe fatti oħra allegati mill-*parte civile* ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni. Jgħid li mill-provi prodotti jirriżulta li huwa ma ħebbx għal *parte civile*. Jisħaq li l-kliem li l-*parte civile* qalet li ġie mistqarr minnu ma jfissirx li huwa ħebb għaliha.

Illi dwar it-<u>tieni (2) imputazzjoni</u>, b'riferenza għal kliem li skont il-*parte civile* ntqal mill-appellant huwa jispjega li hemm żewġ verżjonijiet differenti. Ikompli li jekk wieħed jieħu in konsiderazzjoni x-xiehda mogħtija mill-partijiet jidher biċ-ċar li hu kien qed jgħid il-verita' minħabba li huwa ammetta li jista' jkun weġibha b'mod mhux dekoruż. Jispjega li l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* fiha xi dubji għax jidher li hu qalilha dak il-kliem għal xejn b'xejn. Jkompli li wieħed irid iqis li kienu għaddejjin proċeduri ta' separazzjoni fejn il-partijiet jimpikaw ma' xulxin. Jgħid li l-Prosekuzzjoni ma laħqitx il-livell ta' prova rikjesta fil-kamp kriminali fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

Illi l-appellant jispjega li tenut kont ta' dak li jgħid hu jirriżulta li huwa wieġeb għall-provokazzjoni mill-mara tiegħu u għalhekk ma jistax jingħad li ħareġ mil-limiti tal-provokazzjoni. Ikompli li anke jekk qal dak li tgħid il-*parte civile* dan ifisser li huwa xorta ser jkompli bir-rutina tiegħu.

Illi rigward ix-xiehda mogħtija mill-*parte civile*, l-appellant jisħaq li l-fatt li hija damet tnax il-siegħa qabel ma għamlet ir-rapport juri li ma kinitx imbeżża. Jgħid li kieku l-*parte civile* kienet beżgħana hija kienet tipprova toħroġ mill-post kemm jista' jkun malajr u jgħid li meta ġiet offruta *shelter* hija rrifjutat l-offerta. Jispjega li l-*parte*

*civile* daħqet bl-Ewwel Qorti stante li wasslitha temmen li hu qalilha dawk il-kliem mingħajr ebda raġuni.

Illi rigward dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David Farrugia** (Numru 75/2021) fejn wara li din il-Qorti diversament preseduta għamlet riferenza għal Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija qalet is-segwenti:

> "Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Bonnici**:[1]
>
> > "7. L-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li huwa ħati ta' kontravvenzjoni kull min "**iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Pace** deċiż fid-9 ta' Mejju 1997 intqal:
> >
> > *"Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna sseħħ meta persuna tħebb kontra persuna oħra sabiex tinġurja, iddejjaq jew tagħmel ħsara lil dik il-persuna l-oħra jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali.* ***Biex persuna tħebb kontra persuna oħra ma hemmx għalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiżiku; biżżejjed li jkun hemm il-potenzjalita' ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fiżika indirizzata lejn dik il-persuna oħra. Forsi t-test Ingliż ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi aħjar il-kunċett ta' 'hebb': '... attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or***

[1] "Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Frar, 2016."

> ***others …*** *(enfasi miżjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiżiku multo magis wieħed jista' jgħid li wieħed ħebb għal persuna oħra* sakemm il-fatt ma jammontax għal xi reat iehor jew reat aktar gravi" (sottolinear ta' din il-Qorti).""[2]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omisses**[3] ġie enfasizzat illi:

> *"Sabiex din l-akkuża tirriżulta ma hemmx bżonn li l-akkużat jikkaġuna feriti iżda anke s-sempliċi attentat ta' kaġunar ta' ferita jammontaw għal dan ir-reat."*[4]

[....]

Illi din il-Qorti tinsab rinfaċċata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti u ċioè dik tal-appellant fuq naħa u ta' bintu Mariah Farrugia fuq in-naħa l-oħra. Għalhekk din il-Qorti qed tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clayton Cremona**:[5]

> *"Illi għalhekk dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward u ċioè li kien hemm żewġ verżjonijiet konfliġġenti dwar dak li seħħ huwa minnu. Id-difiża ċċitat sentenza nostrana u ċioè* ***Il-Pulizija vs. Alfred Galea*** *li tgħid li meta jkun hemm żewġ verżjonijiet konfliġġenti dan għandu jwassal għal liberazzjoni pero' daqstant ieħor hemm sentenzi li jgħidu li meta jkun hemm kunflitt mhux bilfors dan iwassal għal-liberazzjoni.* ***Meta ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti u***

[2] "Ara wkoll **"Il-Pulizija vs. Caven Cutajar"** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Settembru, 2020."

[3] "Deċiża mill-Qorti Kriminali nhar l-1 ta' Lulju, 2021."

[4] "Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Lawrence Gerada**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, nhar is-16 ta' April, 2021; **Il-Pulizija vs. Harold Gerada**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, nhar is-16 ta' April, 2021."

[5] "Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Marzu, 2021."

***ċioé jistgħu jiġru żewġ affarijiet il-Ġudikant għandu jara jekk l-każ tal-Prosekuzzjoni jkunx ġie sodisfacentement ppruvat, u fin-nuqqas BISS li l-Qorti għandha tillibera. Jekk addirittura l-ġudikant ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.***""

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat b'dan illi fir-rigward tal-appell li dwaru qed tingħata din is-sentenza, din il-Qorti tinnota li tenut kont ta' kollox il-krux tal-kwistjoni hija liema verżjoni sejra temmen din il-Qorti stante li ż-żewġ partijiet iwaħħlu f'xulxin. Din il-Qorti b'differenza mill-Ewwel Qorti ma għandhiex il-vantaġġ li tisma' l-provi hija. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-verżjonijiet mogħtija mill-*parte civile* u mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti. Dwar l-argumenti mressqa mill-appellant, din il-Qorti tinnota li l-*parte civile* tiċħad li hija offendiet lill-appellant iżda tikkonferma li kellha l-imħadda għandha. Hija tispjega wkoll li ma kellhiex fejn tmur. Rigward id-dewmien li l-*parte civile* damet biex tmur għand il-Pulizija, din il-Qorti tara li tali dewmien seta' kien riżultat tal-ħin bikri li fih sar l-akkadut. Il-fatt jibqa' li hija marret u għamlet ir-rapport. Dan biex wieħed ma jsemmiex il-fatt li persuna li tkun imbezza' taf tieħu l-ħin tagħha biex tagħmel kuraġġ u tmur għand il-Pulizija.

Illi l-Qorti tara li ċ-ċirkostanzi ta' kif jidher li ġraw il-fatti u ċioè l-fatt li l-appellant kien dieħel mill-ħanut tax-xorb flimkien mal-kliem li l-*parte civile* tirrapporta li qalilha jistgħu jwasslu sabiex wieħed iħossu mhedded. Magħdud ma' dan, id-dikjarazzjoni magħmula mill-appellant fix-xiehda mogħtija minnu fit-28 ta' Mejju 2024 (*a fol.* 43 *et seq.*) u ċioè li ma jibżax mill-*parte civile*, isaħħaħ f'din il-Qorti l-konvinzjoni li l-kliem li ntqal kien kliem ta' theddid intiż sabiex idejjaq lill-*parte civile*.

Illi rigward l-imputazzjoni prospettata taħt Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Matthew Cachia** (Numru 364/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "37. [...] Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Frendo** deċiż fis-7 ta' Lulju 1995, ġie mistqarr:
>
> > "Fil-kuntest ta' l-Artikolu 339(1) (e) tal-Kodiċi Kriminali, theddida tfisser li l-aġent jipprospetta lill-persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (liema ħsara ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-Kodiċi), liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' ta' l-istess agent."
>
> 38. L-istess ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Gauci** fejn intqal:
>
> > "Biex ikun hemm theddid is-suġġett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, ġesti jew b'mod ieħor – xi forma ta' ħsara nġusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suġġett passiv. Huwa veru li ma hemmx għalfejn li l-ħsara prospettata tkun determinata fis-sens li jiġi indikat b'xi grad ta' preċiżjoni l-interess, ġuridikament relevanti, tas-suġġett passiv li jkun qed jiġi minaċċat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jgħid: *"e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro' vedere di che cosa sono capace'"*. Pero' dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bażi oggettiva.[6]""

[6] "Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Ġunju 2003."

Illi rigward l-argument imressaq mill-appellant li l-verżjoni tiegħu hija dik it-tajba minħabba li ammetta li għajjar lill-martu lura mhux ta' fejda. Din il-Qorti tifhem li l-appellant daħal lura d-dar wara li kien f'ħanut tax-xorb u meta ra li l-imħadda ma kinitx fil-kamra tiegħu rvilla u mar isabbat fuq il-bieb tal-kamra tas-sodda tal-*parte civile* bil-konsegwenza ta' dak li ġara. Anke jekk il-kwistjoni tal-imħadda rritatu, din il-Qorti hija tal-fehma li r-reazzjoni tal-appellant ma kinitx proporzjonata.

Illi tenut kont ta' kollox din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant b'dan illi l-aggravju in eżami ser jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. F'dan l-aggravju l-appellant jilmenta b'mod speċifiku dwar l-Ordni ta' Trażżin maħruġ mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu u jgħid li dan ma jagħmilx sens minħabba li dawn il-proċedimenti kienu biss tentattiv minn naħa tal-*parte civile* li tara li hu jitlaq mid-dar. Jispjega li minkejja li l-*parte civile* ġiet offruta l-possibbilita' li tmur post ieħor, hija rrifjutat. Jgħid li dan l-Ordni ta' Trażżin qed iservi biss bħala arma sabiex il-*parte civile* tkun tista' iddaħħlu fl-inkwiet meta trid.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota illi huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti żżid tgħid li minkejja t-trapass taż-żmien u minkejja li għaddew kważi sentejn mindu seħħew l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant, tenut kont taċ-ċirkostanzi din l-istess Qorti xorta hija tal-fehma li għad hemm validita' fl-Ordni ta' Trażżin anke llum il-ġurnata. L-appellant ma ressaq l-ebda raġuni li din il-Qorti tqies tista' tkun valida sabiex tneħħi l-imsemmija Ordni.

Illi in vista tal-fatt li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat taqa' fil-parametri tal-liġi, din il-Qorti ma tarax li hemm lok ta' temperament tagħha u b'hekk l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Mario Attard u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi ż-żmien tal-Ordni ta' Trażżin deċiż mill-Ewwel Qorti għandu jibda għaddej millum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**